II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-27 ta' Ġunju 2008**

**li tikkonċerna miżuri interim ta' ħarsien kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (in-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu) fil-Portugall**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3312)*

(2008/489/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri ta' ħarsien kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti, u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(5) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/133/KE tat-13 ta' Frar 2006 li teħtieġ li l-Istati Membri temporanjament jieħdu miżuri kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle et al. (in-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu - PWN) f'dak li jikkonċerna żoni fil-Portugall, għajr dawk li fihom huwa magħruf li ma jeżistix ([2]), il-Portugall qed jimplimenta pjan ta' qerda kontra t-tixrid tan-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu.

(2) Il-Portugall adotta ordni ministerjali (Portaria Nru°358/2008 tat-12 ta' Mejju 2008) li tipprojbixxi l-moviment ta' injam u pjanti suxxettibbli barra l-Portugall kontinentali sakemm l-injam ma jkunx ġie ttrattat u l-pjanti spezzjonati kif xieraq.

(3) Il-Portugall ressaq proposta lill-Kummissjoni għal pjan ta' stħarriġ, kif stipulat fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/133/KE, għat-territorju kollu Portugiż. Il-proposta ġiet diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-26-27 ta' Mejju 2008. Madankollu, il-Kummissjoni, msejsa fuq konklużjonijiet tal-Kumitat, m'approvatx il-pjan minħabba fin-nuqqas ta' intensità fis-sorveljanza.

(4) Il-Portugall għarraf lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju 2008 dwar is-sejba ta' tifqigħat ġodda tal-PWN, wara investigazzjoni straordinarja mill-awtoritajiet Portugiżi flimkien ma' l-istħarriġ annwali, fil-parti tal-Portugall fejn s'issa kien magħruf li l-PWN ma jinstabx.

(5) Il-missjoni ta' spezzjoni mill-Uffiċċju Veterinarju u ta' l-Ikel mit-2 sas-6 ta' Ġunju 2008 wriet li d-dejta disponibbli mhijiex biżżejjed biex tikkonferma li hemm xi żoni fil-Portugall li huma ħielsa mill-PWN. Barra minn hekk, il-Komunità u l-miżuri nazzjonali mhumiex implimentati bis-sħiħ.

(6) Għalhekk, il-miżuri li ttieħdu s'issa qed jitqiesu bħala inadegwati u r-riskju immedjat tat-tixrid tal-PWN barra l-Portugall minħabba fil-moviment ta' injam, tal-qoxra tas-siġar u ta' pjanti suxxettibbli ma jistax jiġi eskluż aktar. Barra minn hekk, attwalment, l-Istati Membri għajr għall-Portugall għandhom mill-aktar fis jitħallew jikkontrollaw il-moviment fit-territorju tagħhom ta' injam, qoxra tas-siġar u ta' pjanti li joriġinaw mill-partijiet kollha tal-Portugall.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/41/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 51).

([2]) ĠU L 52, 23.2.2006, p. 34. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2008/378/KE (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 22).

(7) Minħabba fiż-żieda dan l-aħħar fit-tifqigħat tal-PWN fil-Portugall, għandhom jittieħdu miżuri malajr kemm jista' jkun biex jissalvagwardjaw it-territorju ta' Stati Membri oħra kontra l-PWN u għall-ħarsien ta' l-interessi kummerċjali tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mal-pajjiżi terzi. Il-movimenti ta' injam, qoxra tas-sigar u ta' pjanti suxxettibbli mill-Portugall lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti sakemm dan il-materjal ma jkunx għadda minn trattament xieraq, jew, għall-pjanti, spezzjoni adegwata. Għalhekk, ir-rekwiżiti għall-moviment ta' injam, qoxra tas-siġar u pjanti suxxettibbli miż-żoni demarkati fil-Portugall, għajr għaż-żoni demarkati, jew lejn Stati Membri oħra għandhom jiġu estiżi għall-moviment kollu mill-Portugall lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi. It-traċċabilità għandha tkun żgurata billi jiġi mehmuż il-passaport tal-pjanti jew il-marka ta' kull unità fi ħdan kunsinna. L-ambitu ta' l-attivitajiet ta' kontroll imwettqa mill-Istati Membri għandu jitwessa' biex jippermetti l-kontroll ta' injam, qoxra tas-siġar u pjanti suxxettibbli mill-Portugall lejn it-territorju tagħhom.

(8) Sakemm issir il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti, għandhom jittieħdu miżuri interim ta' ħarsien biex iwaqqfu t-tixrid ta' PWN mill-Portugall lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu revisti mill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Portugall għandu jiżgura li jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-injam, il-qoxra tas-siġar u l-pjanti suxxettibbli li għandhom jiġu spostati mit-territorju tiegħu lejn Stati Membri oħra jew lejn pajjiżi terzi.

2. L-Istati Membri ta' destinazzjoni għajr il-Portugall jistgħu jissottomettu l-kunsinni ta' injam, tal-qoxra tas-siġar u ta' pjanti suxxettibbli, li ġejjin mill-Portugall u li ġew spostati fit-territorju tagħhom, għat-test għall-preżenza tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle et al. (in-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu – PWN).

3. L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/133/KE hu emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fil-każ ta’ movimenti mill-Portugall lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi, ta’:

(a) pjanti suxxettibbli, dawn il-pjanti għandu jkollhom mehmuż magħhom passaport għall-pjanti mhejji u maħruġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE, ([1]) wara li:

— il-pjanti jkunu ġew uffiċjalment spezzjonati u misjuba ħielsa minn sinjali jew sintomi tal-PWN, u

— l-ebda sintomu tal-PWN ma jkun ġie osservat fil-post ta’ produzzjoni jew fil-viċinanzi immedjati mill-bidu ta’ l-aħħar ċiklu komplut tal-veġetazzjoni;

(b) injam suxxetibbli u l-qoxra tas-siġar iżolata, għajr l-injam fl-għamla ta’:

— laqx, partiċelli, skart ta’ l-injam jew skart miksub fi sħiħ jew f’parti minn dawn il-koniferi,

— kaxxi ta’ l-ippakkjar, qratel jew tankijiet,

— palletta, palletti tal-kaxxa jew load boards oħra,

— serratura, spacers u rfid,

iżda li jinkludi dak li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, dak l-injam u dik il-qoxra iżolata għandu jkollhom mehmuż magħhom il-passaport għall-pjanti msemmi fil-punt (a), wara li l-injam jew il-qoxra tas-siġar iżolata jkun/tkun għadda/għaddiet minn trattament xieraq ta’ sħana biex jilħaq/tilħaq temperatura minima fil-qalba ta’ l-injam ta’ 56°C għal 30 minuta biex ikun assigurat il-ħelsien minn PWNs ħajjin;

(ċ) injam suxxettibbli, fl-għamla ta’ laqx, partiċelli, skart ta’ l-injam jew skart miksub sħiħ jew f’parti minn dawn il-koniferi għandu jkollu l-imsemmi passaport għall-pjanti mehmuż miegħu imsemmi fil-punt (a) wara li jkun għadda minn trattament xieraq ta’ tidħin biex ikun assigurat il-ħelsien minn PWNs ħajjin;

(d) injam suxxettibbli, fil-forma ta’ serratura, spacers u rfid, inkluż dak li ma żammx il-wiċċ naturali tond tiegħu, kif ukoll fil-forma ta’ kisi ta’ l-ippakkjar, kaxxi, kannestri, tankijiet u ppakkjar simili, pjattaformi għall-ħżin, pjattaformi għall-ħżin f’forma ta’ kaxex u twavel tat-tagħbija oħra, kullari tal-pjattaformi għall-ħżin, kemm jekk qed jintużaw attwalment u kemm jekk le fit-trasport ta’ l-oġġetti ta’ kull tip, għandhom ikunu suġġetti għall-waħda mill-miżuri approvati kif speċifikat fl-Anness I ta’ l-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar il-*Linji ta’ Gwida għar-regolamentazzjoni ta’ materjal għall-ippakkjar magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali*. Fuq l-injam għandu jkun hemm marka li tippermetti l-identifikazzjoni ta’ fejn u ta’ min ikun għamel it-trattament jew inkella jkollu miegħu il-passaport tal-pjanti msemmi fil-punt (a) li jiċċertifika l-miżuri li jkunu twettqu.

Il-Portugall għandu jiżgura li l-passaport tal-pjanti msemmi fil-punt (a) jew il-marka skond l-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 huwa mehmuż/hija mehmuża ma’ kull unità ta’ injam, qoxra tas-siġar u ta’ pjanti suxxettibbli li jiġu spostati.

([1]) ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22.